



Dokument ta' sessjoni

B9-0214/2021

26.3.2021

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-organizzazzjoni ta' avvenimenti biex jiġi kkommemorat fil-livell
Ewropew is-700 anniversarju tal-mewt ta' Dante Alighieri

**Susanna Ceccardi, Silvia Sardone, Alessandra Basso, Massimo Casanova,
Joachim Kuhs, Jaak Madison, Francesca Donato, Marco Dreosto, Elena
Lizzi, Isabella Tovaglieri, Stefania Zambelli, Clare Daly, Elżbieta Kruk,
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini, Ivan
Vilibor Sinčić**

B9-0214/2021

Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-organizzazzjoni ta' avvenimenti biex jiġi kkommemorat fil-livell Ewropew is-700 anniversarju tal-mewt ta' Dante Alighieri

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 6 u 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2018 intitolata "Nibnu Ewropa iktar b'saħħitha: ir-rwol tal-politiki taż-żgħażaġġ, tal-edukazzjoni u tal-kultura",
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi waħda mill-karatteristiċi li jiddistingwu lill-Ewropa hija l-vastità u l-importanza tal-patrimonju storiku u kulturali tagħha;
 - B. billi fost l-Istati kollha tal-kontinent, huwa universalment magħruf li l-Italja għandha patrimonju storiku u artistiku fost dawk l-aktar importanti fid-dinja;
 - C. billi fl-2021 jaħbat is-700 anniversarju mill-mewt ta' Dante Alighieri, ir-rappreżentant prinċipali tat-tradizzjoni letterarja Taljana u li fost ix-xogħlijiet tiegħu d-Divina Commedia tirrappreżenta l-aktar xogħol famuż u tradott fid-dinja, kif ukoll wieħed mill-akwa kapulavuri tal-letteratura mondjali;
 - D. billi l-kapulavuri ta' Dante influwenzaw il-letteratura mondjali kollha bis-saħħa ta' rappreżentazzjoni straordinarja tal-ħsieb tal-Punent li jħaddan kemm riferimenti għal-letteratura Griega u Latina kif ukoll dawk għall-Bibbja;
1. Iqis li, fl-okkażjoni tas-700 anniversarju tal-mewt ta' Dante, ikun opportun li jiġu promossi fil-livell Ewropew inizzjattivi edukattivi u ta' interess storiku u dokumentarju bil-għan li tinżamm u tiġġedded il-memorja tal-Kbir Poeta.